MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 15/2004/1

**MG**

**v.**

**CZ u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2007, l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezenaw lil SZ**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-27 ta' Jannar 2004, li tghid hekk:

"Premess illi l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta CZ, madwar sentejn ilu;

"Premess illi minn din ir-relazzjoni il-konvenuta inqabdet tqila minn wild ta' l-attur;

"Premess illi l-konvenuta welldet it-tarbija de quo minn wara dahar l-attur, filwaqt li lilu infurmatu li kienet korriet;

"Premess illi ad insaputa ta' l-attur, il-konvenuta kienet welldet tifla nhar l-x/x/x fl-isptar San Luqa, liema tarbija giet imsemmija KM skond l-anness certifikat markat DokIM1;

"Premess illi minhabba li l-konvenuta welldet ad insaputa ta' l-attur, missier it-tarbija gie mnizzel bhala 'mhux maghruf' kif jindika ic-certifikat DOK IM1;

"Premess illi ad insaputa ta' l-attur, il-konvenuta tat ghal adozzjoni l-istess KM;

"Premess illi ricentement l-attur skopra illi l-konvenuta kienet welldet it-tarbija li kienet qed tistenna minghandu nhar l-x/x/x u li kienet tat din l-istess tarbija in adozzjoni minghajr ma kien jaf u ghalhekk minghajr il-kunsens tieghu;

"Premess illi minhabba din l-adozzjoni l-attur ma jistax jirrikonoxxi lil minuri KM bhala bintu skond il-procedura kontemplata fl-Artiklu 87(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Premess illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri KM u ghalhekk jehtieg illi l-paternita` tal-minuri tigi determinata definittivament minn din l-Onorabbli Qorti;

"Premess illi jehtiegu li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fuq l-att ta' twelid tal-minuri KM billi kull fejn hemm indikat li missier il-minuri huwa 'mhux maghruf' jew 'unknown' dawn il-kliem jigi mhassar u sostitwit b' isem u kunjom l-attur;

"Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri KM mwielda fl-isptar San Luqa fil-x/x/x mill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta’ testjiet tad-DNA;

"2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fuq l-att ta’ twelid ta’ KM billi kull fejn hemm indikat li l-missier tal-minuri huwa ‘mhux maghruf’ jew ‘unknown’ dawn il-kliem jithassar u jigi sostitut b’ isem u kunjom l-attur;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna mhix proponibbli peress illi din l-azzjoni trid issir fil-konfront tal-persuni kollha interessati fosthom il-genituri adottivi u t-tarbija adottata li m’humiex bil-ligi rintraccabbli.

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-azzjoni odjerna hi wkoll improponibbli stante illi skond il-ligi, l-adozzjoni taqta’ kull konnessjoni bejn il-genituri naturali u l-persuna adottata u dana ai termini ta’ l-Artikolu 121 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-attur se mai, irid qabel xejn jimpunja d-digriet ta’ l-adozzjoni skond l-Artikolu 35 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

"3. Illi fil-mertu, ikun mehtieg illi huwa jgib il-prova ta’ paternita` tal-persuna adottata li fi kwalunkwe kaz ex lege mhix rintraccabbli u liema prova ma tista’ qatt issir peress illi t-tarbija mhux rintraccabbli.

"4. Illi fi kwalunkwe kaz din l-azzjoni mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

"5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li l-konvenuta CZ naqset li tressaq eccezzjonijiet;

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-14 ta' Dicembru 2006, li in forza taghha qieset l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut bhala infondata, u konsegwentement iddecidiet billi:
"[1] tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur;

"[2] tordna l-kjamata fil-kawza tal-minuri KM a spejjez ta' l-attur, kif ukoll li a kura u spejjez tieghu wkoll, jsiru l-proceduri ghal-hatra ta' kuraturi ad litem biex jirripprezentaw il-minuri f' din il-kawza;

"[3] tibqa' impregudikata t-talba ta' l-attur ghat-testijiet xjentifici tad-DNA, tenut kont tal-fattur tal-kunfidenzjalita` tad-dokumenti relattivi ghall-adozzjoni tal-minuri, fis-sehh illum;

"Tordna li l-kawza tibqa' differita ghall-hatra tal-kuraturi, u notifika ta' l-eventwali kuraturi deputati nominati.

"Spejjez riservati."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li huwa l-missier naturali tal-minuri KM li twieldet fl-x/x/x mill-konvenuta CZ.

"Mill-provi jirrizulta li l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta CZ li sussegwentement harget tqila. Waqt it-tqala l-partijiet infirdu, u l-konvenuta marret tghix ma' persuna ohra li kienet tafu minn qabel. L-attur jghid li huwa baqa' jsegwi z-zmien tat-tqala u wara li ghaddew xi xhur u pprova jinforma ruhu dwar it-tarbija, huwa kien gie informat li l-konvenuta kienet korriet u tilfet it-tarbija; izda sussegwentement sar jaf minn verifi li ghamlet ommu li dan ma kienx minnu u li fil-fatt i-tarbija twieldet u giet moghtija mill-konvenuta ommha l-isem ta' KM u registrata bhala “missier mhux maghruf”.

"Fil-frattemp il-konvenut sar jaf li t-tifla giet moghtija in adozzjoni ad insaputa tieghu. Fl-affidavit tieghu jghid li l-

konvenuta kienet dahqet bih meta hbiet it-twelid tat-tifla u, wara, taghtha in adozzjoni. Ghalhekk huwa ddecieda li jiehu passi legali u “bdejt din il-kawza biex nigi rikonoxxut bhala l-missier u niehu kura u l-kustodja tat-tifla.”[1]

"Illi dan il-gudizju huwa limitata ghat-termini ta’ l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li hi fis-sens li l-azzjoni mhijex proponibbli peress li azzjoni bhal dik in disamina trid issir kontra “l-persuni kollha l-persuni kollha interresati fosthom l-genituri addottivi u t-tarbija adottata li m’humiex bil-ligi rintraccjabbli”[2]

"Illi d-disposizzjonijiet relevanti ghal din il-vertenza huma l-Artikoli 121 u 115[4][a] tal-Kap.16.

"L-Artikolu 121 jirregola l-effetti ta’ l-adozzjoni, u fil-paragrafi [a] u [b] jiddisponi li l-persuna adottata, ghal dawk li huma drittijiet u obbligi tal-qraba wiehed lejn l-iehor, titqies “bhala bin l-adottant jew l-adottanti, imwieled minnu, minnha jew minnhom miz-zwieg u bhala bin ebda persuna ohra jew persuni ohra, billi l-qrubija tghaddi permezz ta’ l-adottant jew l-dottanti.” Minn dan johrog car u manifest li fil-kaz ta’ adozzjoni, il-ligi riedet li civilment jinqata’ kull kuntatt bejn il-persuna adottata u l-genituri naturali tieghu. Il-paragrafu [b] huwa konferma u konsegwenzali ghall-ewwel paragrafu. F’dan il-paragrafu l-ligi tghid li qraba ta’ l-adottat “jitilfu d-drittijiet kollha u jigu mehlusa mill-obbligi kollha dwar dik il-persuna.”

"Illi fil-kaz odjern jidher car mill-atti li l-azzjoni odjerna , li hija bazata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 100 tal-Kap.16, hija pre ordinata ghal proceduri ohra intizi sabiex jikkontestaw il-validita` leagli ta’ l-adozzjoni li saret ad insaputa ta’ l-attur, u dan b’referenza ghal dak kontemplat fl-Artikolu 115[4][a] ta’ l-istess Kap.

"Illi in propositu huma oppportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

---

[1] Fol.21
[2] Fol.15

"[1] Illi l-gudizzju konsegwenzjali ghal din l-azzjoni jkun integru bit-tahrik tal-persuni kollha li jidhru fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, esebit u li tieghu qed tintalab il-korrezzjoni;

"[2] Illi konformament, f'azzjoni bhal dik in disamina l-minuri ghandu jkun parti fil-kawza, rapprezentat minn kuraturi ad litem;

"[3] Illi l-azzjoni odjerna, bhala wahda ntiza biex l-attur jigi dikjarat il-missier naturali tal-minuri, u in kwantu limitata ghal daqshekk, ma timmilitax kontra d-dispost tal-paragrafi [a] u [b] ta' l-Artikolu 121 statne li dawn il-paragrafi jittrattaw dwar id-drittijiet u obligi legali li ggib maghha l-adozzjoni; u ma hemm xejn li legalment jimpedixxi lill-missier naturali milli jagixxi sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li tistabilixxi r-rabta bijologika tieghu mal-minuri, danke f'dan l-istadju fejn hemm fis-sehh digriet ta' adozzjoni."

Rat li bid-digriet tal-5 ta' Jannar 2007, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tad-Direttur konvenut u awtorizzatu jappella mis-sentenza preliminari minnha moghtija;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti tal-14 ta' Dicembru 2006, dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu, u minflok tilqa' l-istess l-ewwel eccezzjoni u tichad it-talbiet ta' l-appellant MG, bl-ispejjez kontra tieghu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' April 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur jallega li hu l-missier naturali tat-tifla (registrat fuq l-att tat-twelid taghha bl-isem ta' KM) li twieldet fl-x/x/x, minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta CZ.

Hu jghid li wara li hu u l-konvenuta hassru r-relazzjoni li kellhom, baqa' isegwi t-tqala u jiehu interess fl-izviluppi li kienet ghaddejja minnhom il-konvenuta. Darba minnhom, pero`, il-konvenuta qaltlu li kienet korriet u tilfet it-tarbija u hu, ghalhekk, qata' kull kuntatt mal-konvenuta. Eventwalment sar jaf li ma kienx minnu li l-konvenuta kienet korriet, u li din, fil-fatt, welldet tilfa u rregistrata bhala b'missier mhux maghruf; skopra wkoll li omm it-tarbija tat l-istess tifla in adozzjoni minghajr il-kunsens tieghu. L-attur qed jaghmel din il-kawza biex fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija jigi rikonoxxut bhala missier it-tifla.

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa in linea preliminari li din l-azzjoni mhix proponibbli peress li l-azzjoni trid issir fil-konfront ta' l-interessati kollha, fosthom it-tarbija u l-genituri adottivi taghha li, pero`, m'humiex bil-ligi rintraccabbli.

L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni preliminari, izda ordnat li l-minuri in kwisjtoni tigi msejjha fil-kawza, u dan wara li qieset li din l-azzjoni tkun integra bit-tahrik tal-persuni kollha li jidhru fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Id-Direttur konvenut appella minn din is-sentenza, bl-aggrajvu jkun li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ma tinkwadrax lill-persuni kollha interessati fil-materja, u f'kull kaz, l-attur irid jidentifika l-minuri, haga li ma hijiex possibbli diment li ma jkunx hemm annullament ta' l-istess adozzjoni.

Trattat il-meritu ta' l-eccezzjoni fil-kuntest ta' l-aggravju ta' l-appellant, din il-Qorti, tara li, fid-dawl ta' kif sehhew l-affarijiet, hu mehtieg li hi timxi b'certa kawtela, peress li l-kwistjoni hija wahda delikata min-natura taghha. Tqis, fl-ewwel lok, li sakemm l-attur qed ifittex li jigi dikjarat missier naturali tat-tarbija in kwistjoni, dak il-jedd ghandu jinghata gharfien anke fl-interess tal-minuri. Jekk din, ghada pitghada, tara li trid tkun taf min hu l-veru missier taghha, ghandha jkollha l-mezz biex lil dan tgharrfu u, jekk tkun trid tfittex li tiltaqa' mieghu u tkellmu, ma jkollhiex ostakoli biex taghmel dan. Barra minn dan, jekk, fil-futur, ikollha bzonn xi trapjant ta' organu jew xi sustanza

biologika ohra, dan biex ikun kompatibbli ma' persunitha, hafna drabi, jrid jittiehed mill-qraba naturali, u ghal dan il-ghan, tajjeb li l-missier naturali jigi registrat.

Ghalhekk, din il-Qorti, taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, li l-fatt ta' l-adozzjoni tal-minuri, m'ghandux ikun ta' xkiel ghal din l-azzjoni hekk limitata ghad-dikjarazzjoni ta' paternita`. Kemm l-attur jista' imur oltre minn dan, wiehed ikun irid jikkunsidra 'l quddiem jekk u meta jinqala' il-kaz.
Kif l-attur se jaghmel din il-prova, hi, imbaghad kwistjoni ohra. Hawnhekk, wiehed irid jikkunsidra l-kunfidenzjalita` marbuta mal-procedura ta' l-adozzjoni, u d-dritt tal-minuri (li llum ghandha kwazi 8 snin) ghall-hajja u l-privatezza taghha. Kif gie osservat fil-ktieb ta' **Zatti e Colussi** "Lineamenti di Diritto Privato" (CEDAM, 7 Ediz. 2001. pag. 158),
*"Nella nostra cultura giuridica, la privacy non si configura come il fondamento primo dei rapporti tra individuo e Stato, ma come uno, anche se tra i piu` rilevanti, diritti della persona, sia verso lo Stato sia verso i consociati. Quando si parla di tutela della vita privata o tutela della riservatezza si fa comunque riferimento ad un diritto complesso, che comprende aspetti diversi. Da un lato, si fa riferimento alla difesa di una zona di intimita`, in cui <<essere lasciate in pace>> (right to be let alone): il diritto si configura qui come un potere di regolare l'accesso alla propria sfera di intimita`, di permettere o vietrare l'intromissione di chi vuole conoscere cio` che piu` da vicino ci concerne o di chi vuole intrometteresi in questa sfera; dall'altro, si fa riferimento al controllo sulle informazioni che riguardono la nostra persona, in tutte le sue espressioni: fisiche, affettive, morali, di opinione, patrimoniali. Dal primo punto di vista prevale lo strumento di tutela del divieto e, in caso di abuso, dell'inibitoria; dal secondo punto di vista la tutela deve di necessita` farsi piu` complessa, e dare al singolo i poteri di vigilanza ed intervento necessari per non perdere il controllo delle informazioni che lo riguardono: cioe` per conoscerle, indirizzarle, limitarne la circolazione, eventualmente cancellarle."*

Kwindi, il-Qorti meta tigi biex tqis xi provi ghandha tippermetti, ghandha tipprova zzomm bilanc bejn id-dritt ta' l-attur li jipprova l-kaz tieghu, u, f'dan l-istadju, id-dritt tal-minuri li ma tkunx imfixkla fl-izvilup taghha.

Motivata b'dan il-hsieb, din il-Qorti tara li, ghall-fini ta' dawn il-proceduri, ma hemmx htiega li l-minuri tkun parti fil-kawza.  Sa issa, f'ghajnejn il-ligi, din hi bint il-genituri adottivi taghha, u dawn m'ghandhomx relazzjoni guridika ma' l-attur.  L-azzjoni ta' l-attur ghal dikjarazzjoni tal-paternita` tieghu, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tista' timxi kif inhi.

Din il-Qorti trid, pero`, tipprotegi l-interessi tal-minuri u ghalhekk sejra tahtar lill-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi specjali biex, mhux bhala partijiet, izda aktar bhala intervenuti *amici curiae*, jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri fl-atti ta' din il-kawza, u biex isegwu l-*iter* tal-kawza fl-interess wahdieni tal-minuri in kwistjoni.  Din il-hatra qed issir bhala rimedju eccezzjonali u ghall-fini biss ta' din il-kawza, u minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku billi tilqa' l-istess in parte, billi filwaqt li tikkonferma l-ewwel decide ta' l-ewwel Qorti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur appellant, tirrevoka t-tieni decide taghha fejn ordnat il-kjamata fil-kawza tal-minuri, u minflok tahtar lill-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Lilian Buhagiar biex, f'din il-kawza, isegwu u jipprotegu l-interessi tal-minuri, u ghal dan l-iskop taghtihom *locus standi* f'din il-kawza;  l-ispejjez u drittijiet tal-kuraturi jkunu f'kull kaz a karigu ta' l-attur.

L-ispejjez in konnessjoni ma' dan l-incident ghandhom jithallsu nofs mill-attur u nofs mill-appellant konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-atti ghandhom jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li s-sentenza eventwalment pubblikata fuq is-sit ta' l-internet tal-Ministeru tal-Gustizzja tkun anonimizzata ghal dak li jirrigwarda l-attur, il-konvenuta u l-minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------